Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-11 ta' Lulju 2024**

**Kump. Nru. 535/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef**
**Spettur Jonathan Ransley)**

**Versus**

**Frank Schembri**
**(494296M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Frank Schembri**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 494296M.

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Settembru 2022 :-

1. Bil-hsieb li jikkommetti reat ta' serq ta' bott café minn gewwa l-istabbiliment Daves Store gewwa l-Gzira, ghad-dannu ta' Rachitkumar Dilipbhai Patel u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (7/POL/5303/2022).

2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rachitkumar Dilipbhai Patel skont kif gie certifikat minn Dr Daniela Zammit gewwa l-poliklinika tal-Floriana, u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (7/POL/5303/2022).

3. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u paci pubbliku u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (7/POL/5303/2022)

4. Kif ukoll talli fl-istess data, aktar tard gewwa l-Floriana, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli, cioe' fuq vettura tal-ghamla Otokar bin-numru tar-registrazzjoni BUS832, liema hsara tammonta ghal aktar minn 250 Euro izda mhux aktar minn 2500 Euro, ghad-dannu ta' Godknows Kwamla Horga u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (1/POL/3106/2022)

5. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi tal-akkuza precedenti, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Godknows Kwamla Horga, skont kif gie certifikat minn Dr Norman Ellul reg. no. 2448 gewwa l-Poliklinika tal-Floriana u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (1/POL/3106/2022)

6. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi hedded, jew ingurja lil Godknows Kwamla Horga u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (1/POL/3106/2022)

7. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u paci pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (1/POL/3106/2022).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li titratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat il-pre-sentencing report tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler prezentat waqt l-udjenza tal-20 ta' Gunju 2024.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 31, 41(1)(a), 49, 50, 216 (1)(b), 221(1), 284, 285, 289, 325(b), 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib **lill-imputat Frank Schembri hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva.**

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Frank Schembri** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna kontra l-vizzju tad-droga kif ukoll dik psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tliet (3) snin millum** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet

elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet tal-lum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tliet (3) snin** mil-lum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**